# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 41/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Edel Mary Camilleri)

vs

**Roger De Giorgio**

iben George, imwieled Pieta', fit-13 ta' Settembru, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 469377(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Roger De Giorgio quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Nhar is-07 ta' Settembru 2014, għall-ħabta tal-05:20hrs u fil-ħin ta' qabel, ġewwa *Club Phoenix*, li jinsab ġewwa *Gianpula Discotheque*, sitwat ġewwa Triq Gianpula L/O Żebbuġ Malta:

1. Bħala diretturi, managers, segretarji jew uffiċjali oħra simili ta' korp, għaqda jew li kont tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga u cioe' f'isem Elvaston Co. Ltd., ma eżerċitajtx id-

diligenza kollha xierqa biex tevita l-għemil ta' reat u cioe' talli ppermettejt lil min iħaddem *loudspeaker*, *grammafon*, amplifikatur jew strument ieħor bħal dawn jew nkella ħallejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija b'mod li kienet tinstema' minn bara l-post u/jew li jdejqu lid-detenturi jew nies li joqgħodu fil-qrib Kap 10 Sec41(1), Kap 249 Art 13 u Kap 9 Art 18;

2. U aktar talli ppermettejt li jinżamm l-imsemmi post miftuħ wara l-ħin ta' l-għeluq u mhux skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja ta' l-imsemmi post Kap 10 Art 41 u Kap 249 Art 13;

3. U aktar talli bil-lejl ksirt il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor Kap 9 Sec 338(m);

4. U aktar talli m'obdejtx l-ordnijiet leġittimi ta' awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallejtx jew fixkilt minħabba d-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor bla jedd indħalt fi dmiru billi ma ħallejtx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew li seta jagħmel jew billi ġibt fix-xejn jew ħassart dak li ħaddieħor għamel skond il-liġi Kap 9 Sec 338 (ee).

Il-Qorti kienet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena applikabbli tordna illi l-liċenżja ta' l-imsemmi fond tiġi miżmuma għal dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq jew inkella tissospendi għal xi żmien fid-diskrezzjoni tagħha, u dan skond l-Artikolu 320 tal-Kapitolu 10 u l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(m)(ee) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 41 (1) tal-Kapitolu 10 u l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u ma sabitx lill-imputat ROGER DE GIORGIO ħati tal-akkużi u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fis-27 ta' Jannar, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Roger De Giorgio ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement tinfliġġi fuqu l-pieni u sanzjonijiet kontemplati mill-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

ILLI fit-28 ta' Jannar 2015 l-esponent Avukat Generali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu manifestament aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata meta lliberat lill-appellat abbażi ta' konsiderazzjoni għal kollox skorretta u żbaljata;

ILLI l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-appellat unikament u esklussivament abbażi tal-konsiderazzjoni li l-prosekuzzjoni ma ġabitx prova li l-appellat kien Direttur jew kellu xi kariga fis-soċjeta' *Elvaston Co. Ltd.* Meta seħħ l-akkadut, u dan meta l-prosekuzzjoni **mhux biss ressqet din il-prova, iżda, addirrittura, ressqet <u>l-aħjar prova</u> f'dan ir-rigward !!!**

ILLI a skans ta' dilungar inutli, kif diga' ġie rilevat aktar 'l fuq f'dan l-umli rikors ta' appell, l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellat unikament u esklussivament abbażi tal-konsiderazzjoni li:

> *"huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-akkużi tagħha trid tipprova wkoll li l-imputat kien fil-fatt Direttur, manager, segretarju tas-soċjeta' Elvaston Co Ltd fil-jum meta seħħew l-allegati kontravenzjonijiet u dan għaliex huwa ma ġiex ċitat fil-vesti tiegħu personali. Il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova biss li effettivament l-imputat huwa l-licensee tal-fond Gianpula Snack Bar fil-jum ta' l-inċidenti mertu tal-kawża.* ***<u>Minn imkien ma jirriżulta li huwa xi Direttur jew għandu xi karigu fis-soċjeta' Elvaston Co. Ltd</u>****"* (Emfasi u sottolinear ta' l-esponent).

ILLI fi żbriga evidenti biex tillibera lill-imputat *qua* appellat Roger De Giorgio mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, l-Ewwel Onorabbli Qorti **<u>sorprendentement</u>** għażlet li **tinjora għal kollox** id-dokument esebit bħala 'Dok. Y' a fol. 28 ta' l-atti processwali. **<u>Dan id-dokument huwa Ċertifikat Uffiċjali maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpaniji li juri bl-aktar mod ċar u inekwivoku li fis-7 ta' Settembru 2014, u cioe' meta seħħew ir-reati li jinsab akkużat bihom l-appellat, l-appellat Roger De Giorgio, detentur tal-karta tal-identita'</u>**

**numru 403752M, kien wieħed mid-Diretturi tas-soċjeta' *Elvaston Co. Ltd*. !! Di piu', dan id-dokument ġie debitament ppreżentat bil-ġurament minn Amanda Poole, rappreżentanta ta' l-MFSA, fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2014, kif jixhed il-verbal ta' l-istess seduta (a fol. 3 u 4 ta' l-atti proċesswali).**

ILLI għal kull buon fini u a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent sottofirmat ha kopja fotostatika taċ-ċertifikat imsemmi, li jinsab a fol. 28 ta' l-atti proċesswali, u qiegħed jannetti din il-kopja ma' dan l-umli rikors ta' appell – kopja markata **'Dok AG'**;

ILLI dan iċ-ċertifikat huwa **l-aħjar prova li qatt setgħet iġġib il-prosekuzzjoni, u, di piu' huwa addirittura l-iprem prova li teżisti fil-liġi** biex turi li nhar is-7 ta' Settembru 2014, l-appellat Roger De Giorgio kien tabilħaqq Direttur tas-socjeta' *Elvaston Co. Ltd.*! F'dan il-kuntest l-esponent appellant jistqarr li huwa litteralment żbalordit kif l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li ***"Minn imkien ma jirriżulta li huwa xi Direttur jew għandu xi karigu fis-soċjeta' Elvaston Co. Ltd"***, u, abbażi ta' din il-konsiderazzjoni għal kollox żbaljata lliberat lill-appellat minn kull ħtija u piena, u dan meta l-provi kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u inkontradetti mid-difiża juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-appellat Roger De Giorgio huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan l-appell l-Avukat Generali qed isostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba kontra l-appellat stante li ma kkunsidratx bħala prova, prova indispensabbli mressqa mill-Prosekuzzjoni li tikkonferma uffiċjalment li fi żmien tal-akkuża l-appellat kien id-direttur tas-soċjeta' Elvaston Co. Ltd.

L-appellat huwa akkużat fil-kapaċita' tiegħu ta' Direttur, manager, segretarju tas-soċjeta' Elvaston Co. Ltd. u l-Ewwel Qorti lliberat lil appellat mill-akkużi kollha fuq il-bażi li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi l-prova li huwa kien id-Direttur tal-Kumpanija fis-7 ta' Settembru, 2014.

Din il-prova li l-appellat kien id-Direttur dak iż-żmien kienet ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni u din il-prova ġiet preżentata mir-rappreżentanta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji Amanda Poole fi ħdan l-Malta Financial Services Authority.

Illi d-dokument uffiċjali preżentat quddiem l-Ewwel Qorti u mmarkat bħala Dok Y a folio 28 huwa ċarissimu li huwa maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpaniji u huwa dokument awtentiku u uffiċċjali li juri mingħajr ebda dubju li l-appellat kien id-direttur tal-kumpanija Elvaston Company Limited fil-ġurnata msemmija. Hemm anke it-timbru '*embossed*' li juri l-awtentiċita' tiegħu.

Inoltre, L-**<u>Artikolu 627 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**: *res applikabbli* bl-artikolu 520(1) (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Id-dokumenti msemmijin hawn taħt huma ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infishom, u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju*

*(a) l-atti tal-Gvern ta' Malta, iffirmati mill-Ministru jew mill-kap tad-dipartiment li minnu jkunu ħarġu, jew, fl-assenza ta' dan, mid-deputat, assistent jew uffiċjal ieħor li jiġi warajh fil-grad, awtorizzat li jiffirma dawk l-atti;*

*(b) ir-reġistri ta' dipartiment tal-Gvern ta' Malta;*

***<u>(ċ) l-atti pubbliċi kollha ffirmati mill-awtoritajiet kompetenti</u>**, u maħruġin fil-Gazzetta tal-Gvern;*

*(d) l-atti tal-Gvern ta' Malta, stampati bl-awtorità tal- Gvern u ppubblikati regolarment;*

*(e) l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja u tal-qrati ekkleżjastiċi ta' Malta;*

*(f) iċ-ċertifikati maħruġin mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku u mir-Reġistratur tal-Artijiet;*

*(g) it-testimonjal magħmul taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ;*

Din il-Qorti hija ferm konvinta li l-prova neċessarja li tikkonferma li l-appellat kien d-Direttur tal-Elvaston Company Limited fil-ġurnata tal-akkużi kienet ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Illi mill-affidavits dettaljati preżentati minn WPS 145 Graziella Camilleri u PC 57 Matthew Buhagiar jirriżultaw b'mod l-aktar ċar l-ewwel tlett imputazzjonijiet iżda ma tirriżultax ir-raba' imputazzjoni.

Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata Issib lil appellat ħati ai termini tal-artikoli 41 tal-Kap 10 u 338 (m) tal-Kap 9, tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu u tikkundannah għall-ammenda kumplessiva ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) u tilliberaħ mir-raba' (4) akkuża stante li ma ġietx suffiċjentement pruvata.